MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 67/2006/1

***Fl-Atti tar-Referenza tat-30 ta' Novembru, 2006, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dott. Anthony J. Vella) fl-Atti tal-Kawza fl-ismijiet:***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**v.**

**Kevin Gatt**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru 2007. Il-fatti li taw lok ghar-referenza kostituzzjonali u ghas-sentenza appellata huma, brevement, is-segwenti: Fl-4 ta' Settembru 2006 Kevin Gatt tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq ghaxar akkuzi, fosthom li kkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' ufficjal pubbliku, attakk u resistenza kontra ufficjal pubbliku u hsara volontarja. Huwa inzamm minn dik il-Qorti (sedenti l-Magistrat Dott. Anthony J. Vella) taht arrest preventiv. Fl-udjenza tat-18 ta' Settembru 2006, wara li ddeponew diversi xhieda, il-prosekuzzjoni talbet iz-zieda ta' zewg imputazzjonijiet ohra, rega' sar l-interrogatorju ta' l-imputat u gie ezibit il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghalbiex il-proceduri jitkomplew f'forma sommarja. L-imputat iddikjara li ma kienx qed isib oggezzjoni li l-proceduri tieghu jitkomplew b'mod sommarju. Fl-20 ta' Settembru 2006, l-imsemmi Kevin Gatt inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom dik li kellu jkun id-dar tieghu f'Hal-Ghaxaq u ma johrogx minnha bejn l-ghaxra ta' filghaxija u s-sebgha ta' filghodu, u versu garanzija personali ta' Lm2,000. Gara, pero`, li fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Ottubru 2006, l-imsemmi Gatt instab mill-pulizija fit-tlieta ta' filghodu f'Santa Venera – skond il-pulizija huwa nqabad jisraq minn pastizzerija hemmhekk, cioe` f'Santa Venera – u fis-6 ta' Novembru 2006 huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (sedenti l-Magistrat Dott. Miriam Hayman) akkuzat talli *"…kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provvizorja imposta mill-qorti presjeduta mill-Magistrat A. Vella fl-20 ta' Settembru 2006 f'dan illi kien barra mir-residenza tieghu kontra l-limitazzjonijiet imposti f'dawn id-digrieti* [recte: f'dan id-digriet]*"*. Il-prosekuzzjoni, pero`, ma talbitx "ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid" tal-imputat fir-rigward tal-proceduri li fihom huwa kien inghata l-helsien mill-arrest (kif seghet taghmel skond is-subartikolu (3) ta'

l-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali). Gatt ammetta din l-akkuza ta’ ksur tal-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest, u f’dik l-istess gurnata, cioe` fis-6 ta’ Novembru 2006 huwa gie kkundannat multa ta’ hames mitt lira u xahar prigunerija. Jumejn wara, cioe` fit-8 ta’ Novembru 2006, il-pulizija pprezentat rikors – din id-darba fil-kawza quddiem il-Magistrat Dott. Anthony J. Vella, cioe` l-kawza dwar l-offiza gravi fuq il-persuna ta’ ufficjal pubbliku u akkuzi ohra – li permezz tieghu talbet, skond l-Artikoli 578 u 579 tal-Kodici Kriminali ir-revoka tal-helsien mill-arrest u li s-somma ta’ Lm2,000 (garanzija personali) tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta. Fl-udjenza tat-23 ta’ Novembru 2006 l-akkuzat Gatt, tramite d-difensur tieghu, issolleva kwistjoni fis-sens li r-rikors tat-8 ta’ Novembru 2006 kien jikser jew x’aktarx jikser id-drittijiet fondamentali tieghu protetti bl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-Artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) rreferiet din il-“kwistjoni” lill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

**2.** Il-Prim Awla, permezz tas-sentenza appellata (li kopja intiera taghha qed tigi annessa bhala appendici ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha), iddecidiet hekk:

**“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi tiddikjara li l-ilment ta’ Kevin Borg fuq ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija datat 8 ta’ Novembru 2006, fejn intalab sabiex ghat-tenur tal-artikoli 578 u 579 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li l-Qorti joghobha tirrevoka il-liberta` provizzorja fil-konfront ta’ Kevin Gatt kif ukoll sabiex tordna li s-somma ta’ elfejn lira Maltija Lm2,000 [erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Ewro, u hamsa u sebghin centezmi ta’ l-Ewro (€4,658.75)] bhala garanzija personali ta’ l-imputat jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta pprezentat fl-atti tal-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Kevin Gatt”, huwa gustifikat u dan peress li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu taht id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 4 tas-seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea fis-sens li hemm**

**ksur tal-principju ta' *ne bis in idem* u ghalhekk l-istess rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jigi kkunsidrat bhala null u bla effett u konsegwentement tordna lir-Registratur sabiex jghaddi lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali sabiex tiddisponi mill-kaz skond din is-sentenza.**

**"Bl-ispejjez *stante* n-natura tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."**

**3.** Minn din is-sentenza appella, kif inghad, l-Avukat Generali. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina dawn l-aggravji, tajjeb li jigu riprodotti d-disposizzjonijiet tal-ligi relevanti ghall-kaz. L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi – dejjem fil-parti tieghu relevanti ghall-dan il-kaz – hekk:

**"Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga' tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat hlief…"**

L-Artikolu 4(1) tas-Seba' protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi hekk:

**"Hadd ma jista' jkun ipprocessat jew jerga' jigi kkastigat ghal darb'ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni ta' l-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skond il-ligi u l-proceduri penali ta' dak l-Istat."**

Fl-ahharnett, id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodici Kriminali huma s-segwenti:

**"578: L-effett tal-garanzija huwa li l-imputat jew akkuzat jigi mehlus mill-arrest: Izda, il-qorti tista', f'kull waqt iehor tal-proceduri, fuq talba tal-Pulizija, jew, skond il-kaz, ta' l-Avukat Generali, meta jingiebu quddiemha ragunijiet tajba, u wara li tisma' l-imputat**

**jew akkuzat, tnehhilu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest, u tordna l-arrest tieghu mill-gdid.**

**“579: (1) Jekk imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghall-ordni ta’ l-awtorita` msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, jew jinheba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun mehlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wiehed ta’ natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b’mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja il-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew ta’ xi persuna ohra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta, u, barra minn dan, jigi mahrug mandat ta’ arrest kontra tieghu: Izda din id-disposizzjoni ma ghandiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest ma hiex ta’ konsegwenza serja.**
**(2) Kull persuna li tonqos milli thares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija tkun hatja ta’ reat u tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta’ multa jew ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux aktar minn sitt xhur, jew ghal multa u prigunerija flimkien.**
**(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta’ xi ligi, kull persuna akkuzata b’reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) ghandha tigi mressqa l-Qorti taht arrest, u l-Pulizija tkun tista’, fl-istess procedimenti, titlob ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta’ dik il-persuna. Il-procedimenti ghal reat taht is-subartikolu (2) ghandhom jittiehdu mill-Pulizija u jigu decizi mill-Qorti bl-urgenza.**
**(4)…”**

**4.** L-aggravji ta’ l-Avukat Generali huma, bazikament, tnejn. Huwa jikkontendi fl-ewwel lok li fil-kaz in dizamina ma tezistix sitwazzjoni fejn persuna giet processata darbtejn. Huwa jiddistingwi bejn is-sejbien ta’ htija ghar-reat u t-talba ghar-riarrest u l-konfiska tal-garanzija taht l-Artikolu 579(1) fuq citat. Huwa jaghmel referenza in

partikolari ghad-decizjoni (dwar ammissibilita`) tal-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet **Nilsson v. Sweden**, moghtija fit-13 ta' Dicembru 2005. Fit-tieni lok jikkontendi li t-tieni proceduri mibdija taht l-Artikolu 579(1) tal-Kap. 9 ma kienux jirrikjedu "…ezercizzju partikolari ta' sejbien ta' htija…" u ma jipprovdu "…ghal ebda piena." L-appellat Gatt, min-naha tieghu, beda billi eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell ghax, skond hu, l-Avukat Generali ma kienx parti fil-process u anqas ma jista' jitqies li l-appell huwa appell interpost skond l-Artikolu 236 tal-Kap. 12 ghar-raguni li l-Artikolu 46(4) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li huma l-partijiet fil-proceduri quddiem il-Prim Awla li ghandhom dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Fit-tieni lok, u fil-meritu, sostna li s-sentenza appellata kienet, ghal diversi ragunijiet, gusta u ghalhekk kienet timmerita konferma.

**5.** Kwantu ghall-pregudizzjali tan-nullita` jew irritwalita` tar-rikors ta' appell in kwantu dan sar mill-Avukat Generali u mhux mill-Kummissarju tal-Pulizija, l-appellat ma' ghandux ragun. Fil-kaz ta' referenza kostituzzjonali skond l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjonali (jew skond l-artikolu korrispondenti tal-Kap. 319), kif ukoll fil-kaz li l-"kwistjoni" kostituzzjonali titqajjem quddiem il-Prim Awla jew quddiem il-Qorti Kostituzzjonali stess, u meta l-kwistjoni tkun b'xi mod tirreferi ghall-applikabilita`, inapplikabbilita`, nullita`, validita` jew thaddim ta' xi ligi, l-Avukat Generali ghandu dejjem ikun parti fil-kawza in kwantu huwa jirrapresenta l-Gvern b'mod generali w indipendentement minn kwalsiasi kap ta' xi dipartiment iehor tal-Gvern. Fil-kaz in dizamina, il-kwistjoni hija jekk it-thaddim tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579 wara li kien hemm diga` proceduri skond is-subartiklu (2) ta' l-istess disposizzjoni jivvjolax id-drittijiet fondamentali ta' Kevin Gatt. Il-Prim Awla, li lilha giet riferita l-kwistjoni mill-Qorti tal-Magistrati, kellha l-obbligu li tara li l-Avukat Generali, u mhux biss il-Kummissarju tal-Pulizija, jigi mgharraf bir-referenza li kienet saret. Ghalhekk apparti kull konsiderazzjoni naxxenti mill-Artikolu 236 tal-Kap. 12, l-Avukat Generali kellu jkun parti fil-proceduri quddiem il-Prim Awla. U effettivament hekk gara, anke jekk b'mod alkwantu mhux tas-soltu. In fatti ghalkemm fil-verbali tas-7 ta' Dicembru 2006 u 23 ta'

Jannar 2007 quddiem il-Prim Awla l-Avukat Dott. Hubert Theuma huwa indikat bhala li qed jirrapresenta lill-Kummissarju tal-Pulizija, wara li proprju fit-23 ta' Jannar 2007 giet presentata "Risposta ta' l-Avukat Generali", fl-udjenzi ta' wara dik ir-risposta – dawk tal-20 ta' Marzu 2007 u 29 ta' Mejju 2007 – l-istess avukat huwa indikat bhala li qed jidher ukoll ghall-Avukat Generali. F'ebda hin ma giet registrata xi oggezzjoni min-naha ta' Kevin Gatt li l-Avukat Generali ma setax jippresenta "risposta" ghax ma kienx parti fil-proceduri. L-okkju "Il-Pulizija v. Kevin Gatt" huwa biss indikazzjoni tal-proceduri li fihom tqajmet il-kwistjoni kostituzzjonali u mhux tal-partijiet fil-proceduri quddiem il-Prim Awla. Ghalhekk, apparti konsiderazzjonijiet ohra, ma jistax jinghad li l-appell interpost mill-Avukat Generali huwa irritwali jew null.

**6.** Kwantu ghall-meritu, tajjeb li qabel xejn jigu ezaminati sew id-diversi disposizzjonijiet tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali. Qabel l-introduzzjoni, permezz ta' l-Att XVI tal-2006, tas-subartikoli (2) sa (4) fl-Artikolu 579, persuna li tkun inhelset mill-arrest preventiv taht garanzija u li taghmel xi wahda mill-affarijiet imsemmija fl-Artikolu 579 – li allura ma kellux subartikoli – kienet, kif appena Qorti ta' Gustizzja Kriminali tikkonstata bhala fatt li avverat ruhha xi cirkostanza imsemmija f'dik id-disposizzjoni, titlef *ope legis* is-somma msemmija fl-obbligazzjoni, u, inoltre, dik il-Qorti kienet obbligata li tohrog mandat ta' arrest kontra taghha. Tajjeb li jigi osservat, pero`, li l-helsien mill-arrest preventiv jista' jigi revokat, u r-riarrest jigi ordnat, ukoll skond l-Artikoli 578 (aktar 'l fuq riprodott) jew skond l-Artikolu 583. L-Artikolu 578 jipprovdi ghal sitwazzjonijiet fejn il-Pulizija jew, skond il-kaz, l-Avukat Generali, igibu ragunijiet tajba ghala l-beneficcju tal-helsien mill-arrest ghandu jigi revokat. Dawn ikunu sitwazzjonijiet li ma jkunux jammontaw ghal xi ksur ta' kundizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest (kundizzjonijiet tal-qorti) u anqas ghal xi cirkostanza ohra msemmija fl-Artikolu 579 (kundizzjonijiet statutorji), izda jkunu sitwazzjonijiet serji bizzejjed biex iwasslu ghar-revoka tal-helsien mill-arrest, bhal, per ezempju, l-imgieba generali ta' l-imputat jew akkuzat li tkun taghti lill-qorti x'tifhem li x'aktarx ser ikun hemm tali ksur. F'tali ipotesi kullma jkun

hemm huwa t-telfien tal-helsien mill-arrest ta’ l-imputat jew akkuzat, izda mhux ukoll il-konfiska tas-somma favur il-Gvern. Simili hafna huwa l-Artikolu 583[1], bid-differenza li f’dana l-artikolu l-ligi tippresupponi li l-garanzija tkun fil-forma stabbilita fl-Artikolu 577(1) – jigifieri terz idoneju li jingieb bhala plegg u jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma stabbilita – u r-raguni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest preventiv tkun li l-plegg (mhux il-Pulizija jew l-Avukat Generali) ikollu raguni tajba jahseb li l-imputat jew akkuzat ser jahrab[2].

**7.** Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579 – introdotti, kif inghad, permezz ta’ l-Att XVI ta’ l-2006 – biddlu s-sitwazzjoni billi, oltre ghall-procedura stabbilita fis-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 579, introducew procedura gdida. Illum il-ksur ta’ kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet li bih tkun tat il-helsien mill-arrest[3] jammonta wkoll ghal reat[4]. Bhal f’kull reat il-konsegwenza hija piena. Din il-piena tista’ tkun jew dik biss indikata fis-subartikolu (2) – multa jew prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien – jew tista’ tinkludi wkoll it-telfien tal-helsien mill-arrest (izda mhux il-konfiska tas-somma) fil-proceduri li fihom il-hati jkun inghata l-helsien mill-arrest preventiv. Jinghad “tista’” ghax il-legislatur ta l-fakolta` lill-Pulizija li meta jressqu lill-imputat jew akkuzat – dan irid jitressaq dejjem taht arrest – talli kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti, huma jistghu wkoll jitolbu “fl-istess procedimenti…ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta’ dik il-persuna” (sottolinear ta’ din il-Qorti). U jaghmel hafna sens li jkun hemm dik il-fakolta` ghax filwaqt li kull ksur ta’ kundizzjoni tal-qorti, zghir kemm ikun zghir dak il-ksur, jammonta wkoll ghal reat, ghar-revoka tal-helsien mill-

---

[1] **583:** “Jekk plegg ikollu ragun jissuspetta illi l-imputat jew akkuzat ikun ser jahrab, huwa jista’, wara li juri lill-Pulizija Ezekuttiva li ghandu ragun il-ghaliex hekk jissuspetta, jitlob l-arrest mill-gdid ta’ l-imputat jew akkuzat, u b’hekk jehles mill-pleggerija tieghu: Izda l-imputat jew akkuzat jista’ jerga’ jigi mehlus mill-arrest kemm il-darba jgib garanzija gdida.”

[2] Il-gurisprudenza tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali estendiet l-applikazzjoni ta’ dana l-artikolu ghall-kazijiet fejn l-imgieba tal-imputat jew akkuzat tkun tali li taghti lok ghal biza fondat li huwa jkun ser jikser xi kundizzjoni tal-qorti jew kundizzjoni statutorja b’tali mod li l-plegg jitlef is-somma fl-obbligazzjoni tal-garanzija.

[3] Jekk “kundizzjoni statutorja” imsemmija fl-Artikolu 579(1) ma tkunx giet inkluza b’xi mod fl-imsemmi digriet, is-subartikolu (2) ma japplikax.

[4] Delitt, mhux kontravvenzjoni, in vista tal-fatt li l-piena hija multa (mhux ammenda) jew prigunerija (mhux detenzjoni), jew multa u prigunerija flimkien.

arrest u l-arrest mill-gdid tal-persuna in kwistjoni jibqa' dejjem applikabbli l-*proviso* tas-subartikolu 579(1). Fi kliem iehor, jista' jkollok sitwazzjoni fejn l-imputat jew akkuzat li kien inghata l-helsien mill-arrest jinstab hati ta' ksur ta' kundizzjoni mposta mill-qorti u jinghata l-piena skond il-ligi, izda, minhabba li l-ksur tal-kundizzjoni ma tkunx ta' konsegwenza serja, ma jkunx hemm lok ghar-revoka tal-helsien mill-arrest. Kjarament il-legislatur qed jikkontempla bhala "piena" addizzjonali ghar-reat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-qorti – u meta jittiehdu l-proceduri skond is-subartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 579 – ir-revoka tal-helsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill-gdid.

**8.** Galadarba il-ksur ta' kundizzjoni tal-qorti – u fil-kaz in dizamina ma hemmx dubju li Gatt tressaq akkuzat fis-6 ta' Novembru 2006 proprju bi ksur ta' tali kundizzjoni, u precizament dik hekk komunement imsejha "tar-rinkazar"[5] – jammonta wkoll ghal reat u galadarba wahda mill-pieni li tista' tinghata ghal dan ir-reat hija proprju t-telfien tal-helsien mill-arrest (kemm-il darba jkun hemm talba simili da parti tal-Pulizija), jekk, ghal xi raguni, din ma tinghatax fil-procediment imsemmi fis-subartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 579, ma jistax jinbeda procediment iehor u separat (apparti s'intendi, jekk ikun il-kaz, dak ta' appell da parti ta' l-Avukat Generali mis-sentenza fil-procediment imsemmi f'dawn iz-zewg subartikoli) biex il-"piena" tar-revoka tal-helsien mill-arrest tigi applikata. Dan hu dak li pprova jaghmel il-Kummissarju tal-Pulizija bir-rikors tieghu tat-8 ta' Novembru 2006[6].

**9.** S'intendi, il-prosekuzzjoni dejjem jibqalha l-ghazla li, flok ma tipprocedi fuq akkuza ta' reat skond is-subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 579, tipprocedi b'semplici rikors quddiem il-qorti kompetenti skond is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, u cioe` ghall-kostatazzjoni tal-fatt tal-ksur jew ta' kundizzjoni tal-qorti jew ta' kundizzjoni statutorja biex, jekk dan jigi stabbilit, ikun hemm id-

---

[5] Ara l-kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Settembru 2006 a fol. 37 tal-atti tal-kawza kriminali, u in partikolari l-kundizzjoni numru 6: "Li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mill-10.00 pm ta' filghaxija u ma johrogx minn hemm qabel is-7.00 am ta' filghodu ta' l-ghada."
[6] Fol. 47 tal-atti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

dikjarazzjoni li s-somma tghaddi favur il-Gvern u l-imputat jew akkuzat jigi riarrestat. Pero`, ghalkemm tali procedura ma hiex procedura ghas-sejbien ta' htija dwar reat, u l-konsegwenzi (jekk ikun hemm, cioe` jekk ma jigix applikat il-*proviso* aktar 'l fuq imsemmi) ma jistghux jitqiesu bhala "piena" jew "pieni", hija l-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti li wara tali procedura il-prosekuzzjoni ma tkunx tista' tipprocedi kriminalment kontra l-imputat jew akkuzat skond l-imsemmija subartikoli (2) u (3) tal-imsemmi Artikolu 579. Dak li hu deciziv biex jigi determinat jekk ikunx hemm l-ostakolu tan-*ne bis in idem* ravvizat fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni ma hux il-klassifikazzjoni tal-procedura jew in-natura taghha, daqs kemm l-effett taghha fuq il-persuna koncernata. L-effett tat-telf tal-helsien mill-arrest b'mod indefinit – u bl-ostakolu ta' l-Artikolu 581[7] tal-Kodici Kriminali – kif ukoll il-konfiska tas-somma ghandha l-effett daqs ta', jekk mhux aktar minn, piena fuq l-imputat jew akkuzat li jkun.

**10.** Kif tajjeb josserva l-appellat, id-decizjoni li ghaliha jaghmel referenza l-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu[8], ma taghmilx ghall-kaz in dizamina. Dan kien kaz fejn bord amministrattiv beda jikkonsidra jekk kellux jirrevoka l-licenzja tas-sewqan fil-konfront ta' Nilsson fuq suspett li hu kien saq taht l-influwenza tax-xorb, izda iddecieda li qabel ma jkun hemm sentenza li tkun ghaddiet in gudikat "or a summary punishment order or similar", ma setax jiehu decizjoni finali fir-rigward ta' din il-kwistjoni. Sussegwentement il-Qorti Distrettwali ta' Mora sabet lil Nilsson hati ta' sewqan taht l-influwenza tax-xorb aggravat, u nghata sentenza sospiza u gie ordnat jaghmel hamsin siegha xoghol fil-komunita`. Kien biss wara din id-decizjoni, li l-bord iddecieda li seta jasal ghad-decizjoni tieghu dwar is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan. Il-Qorti ta' Strasbourg qieset is-sospensjoni tal-licenzja bhala parti integrali mill-piena ghal dak it-tip ta' reat – sewqan taht l-

[7] **581:** "Fil-kaz imsemmi fl-artikolu 579, lill-arrestat ma jistax jerga' jigi moghti l-helsien mill-arrest fl-istess kawza." Dwar din id-disposizzjoni, pero`, ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **Dr. Patrick Spiteri v. L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**.
[8] **Nilsson v. Sweden**, *supra.*

influwenza tax-xorb – anke jekk bhala fatt is-sospensjoni jew irtirar tal-licenzja kellha tigi dekretata mhux mill-qorti li kienet sabet il-htija dwar ir-reat izda minn tribunal iehor partikolari. Dik il-Qorti qalet hekk:

**"In the light of the above, the Court agrees with the conclusion reached by the Swedish Supreme Administrative Court that, although under Swedish law the withdrawal of a driving licence had traditionally been regarded as an administrative measure designed to protect road safety, withdrawal on the ground of a criminal conviction, as in this case, constituted a "criminal" matter for the purpose of Article 4 of Protocol No. 7. Indeed, this finding was not disputed by the parties in the proceedings before the Court.**

**"What is more, in the view of the Court, the severity of the measure –suspension of the applicant's driving licence for 18 months – was in itself so significant, regardless of the context of his criminal conviction, that it could ordinarily be viewed as a criminal sanction (see *Mulot v. France* (dec.), no. 37211/97, 14 December 1999; *Hangl v. Austria* (dec.), no. 38716/97, 20 March 2001, and *Escoubet v. Belgium*, cited above, § 38).**

**"However, the Court is unable to agree with the applicant that the decision to withdraw his driving licence amounted to new criminal proceedings being brought against him. While the different sanctions were imposed by two different authorities in different proceedings, there was nevertheless a sufficiently close connection between them, in substance and in time, to consider the withdrawal to be part of the sanctions under Swedish law for the offences of aggravated drunken driving and unlawful driving (see *R.T. v. Switzerland*, cited above, and, *mutatis mutandis*, *Phillips v. the United Kingdom*, no. 41087/98, § 34, ECHR 2001-VII). In other words, the withdrawal did not imply that the applicant was "tried or punished again ... for an offence for which he had**

**already been finally ... convicted", in breach of Article 4 § 1 of Protocol No. 7."**

**11.** Similment, fil-kaz **Goktan v. France**, deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fit-2 ta' Lulju 2002, u li fuqha strah hafna wkoll l-appellant quddiem l-ewwel qorti, il-fatti kienu decizament differenti minn dawk fil-kaz in dizamina. F'dak il-kaz Goktan kien gie misjub hati mill-Qorti Kriminali ta' Strasbourg ta' importazzjoni ta' droga kif ukoll tar-reat doganali li kien importa oggetti illegalment. Huwa gie kkundannat ghall-piena ta' hames snin prigunerija fuq ir-reat ta' importazzjoni ta' droga u erba' mitt elf Franc Franciz fir-rigward tar-reat doganali. Sussegwentement il-prosekutur pubbliku kiseb ordni kontra Goktan ghal sentejn ohra prigunerija peress li l-multa ma kienitx thallset. Il-Qorti ta' Strasbourg (ECHR) irrespingiet l-argument ta' Goktan li permezz ta' dana l-ordni kien hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll.

**12.** Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonferma s-sentenza appellata u dan peress li bit-talba tieghu maghmula bir-rikors tat-8 ta' Novembru 2006 – u cioe` li tigi revokata l-liberta` provvizorja fil-konfront ta' Kevin Gatt u li l-Lm2000 garanzija personali jghaddu favur il-Gvern – liema talba hi bbazata <u>fuq l-istess fatt</u> li kien wassal ghas-sentenza tas-6 ta' Novembru 2006 – cioe` l-fatt li Gatt kien barra mir-residenza tieghu meta suppost kien id-dar – il-Kummissarju tal-Pulizija qed jaghti lok ghal proceduri bi ksur ta' l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, b'mod ghalhekk li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) v. Kevin Gatt** ghandha tqis l-imsemmi rikors tat-8 ta' Novembru 2006 bhala irritu u null u ma tipprocedix oltre fir-rigward tieghu. Bhall-ewwel qorti, din il-Qorti tordna li l-atti tal-kawza **Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) v. Kevin Gatt** jigu ritornati, flimkien ma kopja ta' l-odjerna sentenza, lil dik il-qorti sabiex tkompli tipprocedi fil-konfront ta' Kevin Gatt fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu fl-4 ta' Settembru 2006. L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif hemm decizi; dawk ta' dana l-appell jithallsu mill-appellant Avukat Generali.

Deputat Registratur
gr

Appendici

Kopja tas-sentenza appellata qed tigi annessa ma din is-sentenza biex taghmel parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------